



# SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA

## TAS-SEMESTRU EWROPEW

### L-AKKWIST PUBBLIKU

#### 1. INTRODUZZJONI

Kull sena, l-awtoritajiet pubbliċi fl-UE jonfqu madwar 14 % tal-PDG fuq l-akkwist pubbliku. Dan jammonta għal aktar minn EUR 1.9 triljun<sup>1</sup>. Jidher b'mod ċar li l-akkwist pubbliku huwa importanti għall-kompetittività minħabba d-daqs tiegħu. Dan huwa minnu speċjalment f'setturi bħall-enerġija, it-trasport, id-difiża, l-IT u s-servizzi tas-saħħa, fejn is-settur pubbliku huwa sors ewlieni ta' domanda.

L-akkwist pubbliku effiċjenti huwa kruċjali sabiex jissolvew ħafna mill-isfidi ta' politika ewlenin li qed tiffaċċja l-UE. Dawn jinkludu t-tkabbir u l-impjiegi, id-dixxiplina fiskali, l-immodernizzar tal-amministrazzjoni pubblika, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kollużjoni, l-aċċess tal-SMEs għas-suq, il-fiduċja taċ-ċittadini fl-awtoritajiet pubbliċi u d-demokrazija, kif ukoll l-innovazzjoni u t-tkabbir ambjentalment u soċjalment sostenibbli.

L-infiq produttiv u l-investment tal-flus pubbliċi huma l-lievi ewlenin biex jerġa' jaqbad it-tkabbir ekonomiku, speċjalment fi żminijiet ta' baġits tal-gvern limitati. Għall-Istati Membri, l-akkwist pubbliku huwa mezz essenzjali sabiex jitwasslu politiki governattivi u jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi nazzjonali. Swieq tal-akkwist pubbliku li jiffunzjonaw

sewwa jagħtu spinta lill-kompetittività nazzjonali permezz ta' finanzi pubbliċi

---

<sup>1</sup> Din hija l-aħħar stima li ma tinkludix in-nefqa minn kumpaniji tal-utilitajiet. L-estimi preċedenti li jinkludu l-akkwist tal-utilitajiet huma ta' madwar 19 % tal-PDG tal-UE, jiġifieri bejn wieħed u ieħor EUR 2.3 triljun.

aħjar, investimenti aħjar u servizzi ta' kwalità oġħla, bħall-infrastruttura jew il-gvern elettroniku.

Il-kuntratti pubbliċi <sup>1</sup> fuq mil-limiti tal-UE stabbiliti fil-livell tal-UE<sup>2</sup> għandhom jiġu ppubblikati madwar l-UE kollha, fuq il-pjattaforma 'Tenders Electronic Daily'<sup>3</sup> (TED). L-għan huwa li jiġu integrati s-swieq tal-akkwisti madwar l-UE, tiżdied il-kompetizzjoni u jinkiseb valur aħjar għall-flus pubbliċi li jintefqu. B'kolloxx, fl-2015 ġew ippubblikati sejħiet għal offerti madwar l-UE kollha li jirrappreżentaw EUR 450 biljun.

## 2. SFIDI TA' POLITIKA EWLENIN

It-tisħiħ tal-akkwist pubbliku huwa ċentrali fl-azzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi sabiex joħolqu soċjetà aktar ġusta bbażata fuq l-opportunitajiet indaqs, it-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-parteċipazzjoni wiesgħa fis-suq. Fl-istess ħin, sistema ta' akkwist pubbliku effiċjenti tista' tikkontribwixxi bil-kbir għal finanzi pubbliċi sostenibbli.

Taħt il-qafas regolatorju attwali tal-UE, il-valutazzjoni tal-kwalità u l-effettività tas-sistemi tal-akkwist pubbliku hija essenzjali sabiex jiġu identifikati l-punti ta' saħħa u d-dgħufijiet fl-Istati Membri.

---

<sup>2</sup> Il-liġi tal-UE tistabilixxi regoli armonizzati minimi għal offerti li l-valur monetarju tagħhom jaqbeż ċertu ammont. Dawn huma disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/rules-implementation/thresholds\\_mt](https://ec.europa.eu/growth/single-market/public-procurement/rules-implementation/thresholds_mt).

<sup>3</sup> <http://ted.europa.eu/TED/main/HomePage.do>

Din għandha twassal għal azzjonijiet u strateġiji korrettivi. L-akkwist pubbliku modern huwa bbażat fuq xi elementi ewlenin:

- il-valur għall-flus; il-provvista tal-oġġetti, ix-xogħlijiet u s-servizzi meħtieġa b'mod ekonomiku, effiċjenti u effettiv;
- it-trasparenza: id-divulgazzjoni ta' informazzjoni relatata mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'mod komprensibbli, aċċessibbli u f'waqt;
- il-ġustizzja: jenħtieġ li l-proċess tal-akkwist pubbliku jkun ħieles mill-preġudizzju u jiżgura t-trattament indaqs tal-offerenti kollha;
- il-governanza tajba: l-akkwist ma għandux jittqies bħala proċess amministrattiv; għall-kuntrarju, din hija opportunità sabiex jintlaħqu diversi għanijiet soċjetali permezz ta' nfiq intelliġenti. Dan jista' jwassal sabiex jittejjbu l-fiduċja fil-gvern, l-ambjent, il-qasam soċjali jew l-innovazzjoni.

Id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data tar-rapport huma essenzjali sabiex jiġi analizzat l-akkwist u jittejjew azzjonijiet u reazzjonijiet politiċi xierqa. Data aħjar u aktar aċċessibbli dwar l-akkwist għall-partijiet kollha interessati tista' tagħti


aktar attenzjoni lil dan is-suġġett mill-komunità tar-riċerka (li tista' tirriżulta f'ideat ġodda dwar kif għandhom jiġu indirizzati ċerti dgħufijiet) u tittejjeb l-interazzjoni mas-soċjetà b'mod ġenerali (billi tinbena l-fiduċja u tinħoloq pressjoni pubblika sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tas-sistemi tal-akkwist pubbliku).

## Valur għall-flus

### 2.1. Il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku

L-avviżi ta' għoti ta' kuntratti ppubblikati fit-TED jirreġistraw in-numru ta' offeriti sottomessi. Dan huwa indikatur importanti tal-livell ta' kompetizzjoni fis-wieq tal-akkwist pubbliku. Il-kompetizzjoni fost l-offerenti għal kuntratti pubbliċi hija wieħed mill-modi ewlenin ta' kif jintlaħaq l-għan finali tal-politika tal-akkwist pubbliku, jiġifieri l-aqwa valur għall-flus. Bejn l-2006 u l-2016, l-għadd ta' offeriti li għalihom tressqet biss offerta waħda żdied minn 14 % għal 29 %. Dan juri li l-proċess kompetittiv jew mhuwiex preżenti jew inkella qed inaqqas fl-intensità tiegħu; b'mod ġenerali, il-kumpaniji għandhom aktar diffikultajiet sabiex jiksbu aċċess għas-wieq tal-akkwist.

**Tabella 1: Il-proporzjon tal-kuntratti li għalihom kien hemm offerta waħda (minbarra l-oqfsa) 2006-2016**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq id-data tal-ĠU/TED (Il-Kroazja 2013-2016, Ir-Rumanija u l-Bulgarija 2007-2016)

Fil-livell tal-UE-28, matul il-perjodu 2006-2016, 27 % tal-avviżi kellhom offerent wieħed biss. L-oġġla

ċifri kienu fl-Istati Membri ġodda. Anki l-Italja rreġistraw perċentwal għoli, qrib il-medja tal-UE-28.


B'mod ġenerali, hemm żieda fin-numru ta' Stati Membri tal-UE li għandhom proporzjon għoli ta' kuntratti b'offerta waħda, jiġifieri b'kompetizzjoni insuffiċjenti (it-Tabella 1).

## 2.2. Il-livell ta' akkwist pubbliku transkonfinali

Il-kundizzjonijiet maħluqa mir-regoli tal-akkwist pubbliku tal-UE kienu mistennija li jirriżultaw f'żieda fl-offerti transkonfinali. B'mod ġenerali, hemm żewġ forom distinti ta' akkwist transkonfinali, dirett<sup>4</sup> u indirett<sup>5</sup>. Bejn l-2009 u l-2015, il-livelli ta' akkwist transkonfinali dirett ġeneralment kienu qegħdin jizdedu kemm bħala sehem tal-valur totali tal-kuntratti mogħtija (minn 2.5 % sa 3.5 %) kif ukoll bħala sehem tan-numru totali ta' kuntratti mogħtija (minn 1.5 % sa 2 %). Matul l-istess perjodu, l-akkwist transkonfinali indirett segwa wkoll xejra ġenerali dejjem tiżded: is-sehem tan-numru totali ta' kuntratti mogħtija żdied minn 19.9 % għal 22.6 %, filwaqt li s-sehem tal-valur totali tal-kuntratti mogħtija żdied minn 18.6 % għal 21.4 %. Madankollu, jista' jiġi nnotat li din ix-xejra ta' tkabbir ma kinitx stabbli matul iż-żmien.

Bejn l-2009 u l-2015, is-sehem ta' akkwist transkonfinali dirett skont in-numru ta' għotjiet

Tabella 2 – Il-proporzjon ta' kuntratti mogħtija lil kumpaniji barranin skont il-valur (direttament u indirettament), 2009-2015



<sup>4</sup> Meta l-offerent rebbieħ ma jkunx jinsab fl-istess pajjiż bħall-awtorità kontraenti u ma jkunx proprjetà domestika.

<sup>5</sup> Meta l-offerent rebbieħ ma jkunx ibbażat fl-istess pajjiż bħall-awtorità kontraenti, iżda jkun sussidjarju ta' kumpanija barranija.

huwa ogħla minn 10 % fi tliet pajjiżi biss: Malta (12 %), l-Irlanda (13 %) u l-Lussemburgu (17 %). F'dawn it-tliet pajjiżi żgħar, jidher li l-provvista lokali hija insuffiċjenti sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-akkwirenti. Fil-maġġoranza tat-28 Stat Membru tal-UE, is-sehem tal-akkwist transkonfinali dirett fl-għadd ta' għotjiet baqa' taħt il-5 % (it-Tabella 2).

Bejn l-2009 u l-2015, l-akkwist transkonfinali indirett kien ogħla minn 15 % fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Il-firxa ta' akkwisti transkonfinali indiretti bħala sehem tan-numru ta' għotjiet kienet tvarja bejn 2.1 % u 34.8 % (skont valur ta' bejn 5.9 % u 36 %) madwar it-28 pajjiż tal-UE.

Il-fatt li l-akkwist transkonfinali indirett ħafna drabi jkun għoli meta l-akkwist transkonfinali dirett ikun baxx jista' jkun riflessjoni ta' ostakoli proprji jew perċepiti għall-offerti transkonfinali li jwasslu lill-kumpaniji sabiex jiddependu fuq sussidjarji bbażati lokalment għall-bejgħ transkonfinali tagħhom<sup>6</sup>.

<sup>6</sup> tittratta l-kumplessità tar-rekwiżiti speċifiċi għall-pajjiżi. L-offerenti transkonfinali jaraw preżenza lokali bħala vantaġġ, anki minħabba li l-awtoritajiet kontraenti jitqiesu bħala li jiffavorixxu lill-kuntratturi li jitekellmu bil-lingwa tagħhom u li mhumiex ġeografikament remoti.

## Trasparenza u ġustizzja


nneozjata mingħajr pubblikazzjoni  
(NOC), il-livelli ta' trasparenza

### 2.3. Il-pubblikazzjoni tal-offerti pubbliċi fil-livell tal-UE

Indikatur ewlieni huwa kemm jiġu ppubblikati offerti pubbliċi fil-livell tal-UE<sup>7</sup>. Ix-xejra ġenerali hija relattivament stabbli għall-aħħar erba' snin; madankollu, il-livell ta' pubblikazzjoni jvarja bil-kbir bejn il-pajjiżi. Fi wħud minnhom, il-valur tal-akkwist ippubblikat fir-rigward tal-PDG huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 4.25 % (2012-2015) (it-Tabella 3).

Il-pajjiżi fejn il-valur tal-offerti ppubblikati huwa relattivament żgħir fir-rigward ta'

Tabella 3 – Il-valur tas-sejnhiet għall-offerti ppubblikati bħala perċentwal tal-PDG skont l-Istat Membru, 2012-2015



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq id-data tal-ĠU/TED (Il-Kroazja 2013-2015)

### 2.4. Il-ftuħ tal-proċeduri użati fl-akkwist pubbliku

Is-swieq tal-akkwist pubbliku trasparenti għandhom livell għoli ta' ftuħ u potenzjal għal kompetizzjoni għolja, li jfisser li l-kumpaniji li jirbħu l-offerti huma dawk bl-aħjar prodott u bl-aħjar prezz immirat sabiex jinkiseb l-aħjar riżultat.

Element ewlieni li jindika l-grad ta' trasparenza huwa t-tip ta' proċeduri li jintużaw. Meta jintużaw proċeduri miftuħa, it-trasparenza u l-kompetizzjoni għolja jkunu aktar probabbli. B'kuntrast ma' dan, meta tintuża proċedura


<sup>7</sup> Inklużi l-utilitajiet u d-difiża.

tal-PDG ma jaħsdux il-benefiċċji taż-żieda fil-pubbliċità, bħat-tnaqqis fl-ispejjeż tat-tfittxija għal akkwisti li ġejjin jew it-tkabbir tal-ġabra ta' parteċipanti potenzjali. Barra minn hekk, filwaqt li jibbenefikaw mill-ftuħ tas-swieq ta' Stati Membri oħrajn, dawn il-pajjiżi ma joffrux opportunitajiet simmetriċi għal negozji Ewropej minn Stati Membri oħrajn; dan huwa ta' rilevanza kbira fir-relazzjoni bejn l-Istati Membri f'defiċit u f'eċċess. Il-Ġermanja hija l-Istat Membru li jirreġistra l-aktar rata baxxa ta' pubblikazzjoni fl-UE (1.2 %).

u l-kompetizzjoni x'aktarx li jkunu ferm aktar baxxi.

Il-proporzjon tal-avviżi ta' għoti ta' kuntratti fit-28 Stat Membru tal-UE fejn intużat il-proċedura tal-NOC kien ta' 7 % fil-perjodu 2006-2016 (ara t-Tabella 4). Dan jindika li l-parti osservabbli tal-akkwist pubbliku hija pjuttost trasparenti. Ix-xejra ġenerali mill-2006 hija għal stabbiltà relattiva, iżda b'diskrepanzi sinifikanti fost l-Istati Membri. Madankollu, xi setturi jispikkaw minħabba l-użu għoli ħafna tal-proċeduri tal-NOC. Dan huwa l-każ, pereżempju, għall-akkwist ta' soluzzjonijiet tal-IT, fejn il-lock-in tal-fornituri huwa fenomenu frekwenti.

**Tabella 4 – Il-proporzjon ta' avviżi ta' għoti ta' kuntratti fejn intużat proċedura nnegozjata mingħajr pubblikazzjoni (NOC), 2006-2016**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq id-data tal-ĠU/TED (Il-Kroazja 2013-2016, ir-Rumanija u l-Bulgarija 2007-2016)

## 2.5. Il-kwalità tad-data tar-rapport

Jeżisti qbil wiesa' fuq l-importanza tad-data. Pereżempju, l-OECD iddikjarat li għalkemm il-pajjiżi membri qed jiġbru dejjem aktar data bażika dwar l-akkwist, ftit minnhom jagħmlu analiżi sistematika ta' din l-informazzjoni sabiex titkejjel il-

prestazzjoni tas-sistema tal-akkwist'. Barra minn hekk, l-istudji tal-Kummissjoni rakkomandaw li tittejjeb il-kwalità tad-data tal-akkwist u tad-data tar-rimedju. Twettqu studji ddedikati f'xi Stati Membri, pereżempju, mill-gvernijiet Brittaniċi, Ġermaniżi u Żvediżi u mis-


setturi mhux governattivi Kroati, Ċeki u Ungeriżi.

L-ispiża tas-soluzzjonijiet proposti ġeneralment ma tkunx kbira, la f'termini assoluti u lanqas, b'mod partikolari, meta mqabbla mal-ispiża tal-akkwist. Pereżempju, l-ispiża tar-reġistru tal-kuntratti fis-Slovakkja kienet taħt il-EUR 25 000. Barra minn hekk, id-data tal-awditjar hija diġà disponibbli, li jfisser li issa jeħtieġ li jsiru l-bidliet ewlenin fil-proċessi tax-xogħol. Fl-aħħar nett, saret analiżi sofistikata tad-data f'xi Stati Membri fuq il-baġits modesti tal-NGOs.

Indikatur li jintuża sabiex tintwera l-kwalità tad-data huwa r-rata ta' avviżi fit-TED mingħajr informazzjoni dwar il-valur tal-kuntratt. Fil-livell tal-UE, il-proporzjon ta' kuntratti mingħajr ebda valur fil-perjodu 2006-2016 kien ta'

20 %. Madankollu, 10 Stati Membri kellhom valuri ferm oġġla, bl-ewwel erbgħa jkunu l-Iżvezja, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Finlandja u l-Irlanda. Barra minn hekk, għadd ta' pajjiżi bi proporzjon għoli ta' valuri neqsin mhumiex qegħdin itejbu l-prestazzjoni tagħhom fuq din il-kwistjoni matul iż-żmien, bl-aktar każijiet estremi jkunu l-Iżvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi.

**Tabella 5 – Ebda informazzjoni rreġistrata dwar il-valur tal-kuntratti, 2006–2016**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq id-data tal-ĠU/TED (Il-Kroazja 2013-2016, ir-Rumanija u l-Bulgarija 2007-2016)

## Governanza tajba

### 2.6. L-aggregazzjoni tad-domanda

Il-kuntest tal-akkwist pubbliku huwa kkaratterizzat minn frammentazzjoni sinifikanti fin-numru ta' akkwirenti. Huwa stmat li hemm aktar minn 350 000 awtorità kontraenti individwali li qegħdin joperaw fl-UE. Madankollu, f'ħafna Stati Membri, ma hemm ebda data affidabbli dwar in-numru ta' awtoritajiet kontraenti u, għalhekk, dan in-numru għandu jittqies bħala indikattiv.

Il-limitazzjonijiet finanzjarji u d-domandi aktar qawwija tal-pubbliku għal aktar responsabbiltà jimbottaw lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiċċentralizzaw u jistandardizzaw l-akkwist. Fl-istess ħin, l-aggregazzjoni tad-domanda fl-akkwist pubbliku għandha l-potenzjal li tgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jilħqu għanijiet ewlenin bħal:


- l-aqwa valur għall-flus permezz ta' benefiċċji ekonomiċi fuq skala kbira;
- miri soċjali jew ekoloġiċi;
- il-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja;
- li jiġu żgurati ppjanar u monitoraġġ aktar effettivi taċ-ċiklu tal-akkwist pubbliku;
- li jiġu implimentati għodod elettroniċi.

Pereżempju, l-enerġija saret wieħed mill-aktar każijiet ta' akkwist kollaborattiv ta' suċċess fir-Renju Unit. Fl-2010, id-dipartimenti tal-gvern ċentrali kollha ngħataw il-mandat sabiex jiksbu l-enerġija permezz tas-Servizz tal-Akkwist Pubbliku mill-Gvern, fejn iffrankaw £51 miljun. Żewġ għażliet ta' aggregazzjoni tad-domanda huma x-xiri (i) permezz ta' Korp Ċentrali għall-Akkwisti (CPB) stabbilit jew (ii) permezz ta' akkwist konġunt ma' entitajiet oħrajn. Komoditajiet bħall-elettriku u l-gass, l-għamara tal-uffiċini u t-tagħmir huma eżempji tajbin.

Fil-livell tal-UE-28, il-proporzjon medju tal-avviżi ta' għoti ta' kuntratti fejn l-awtorità kontraenti qed tixtri f'isem awtoritajiet kontraenti oħrajn kien ta' 8 % (it-Tabella 6) fil-perjodu 2009-2015, bir-Renju Unit fl-oġġla livell. Hemm firxa wiesgħa għall-użu ta' xiri konġunt jew xiri ċentrali versus il-medja tal-UE-28. Madankollu, il-bidla relattivament stabbli matul iż-żmien hija evidenza li turi li, minkejja l-limitazzjonijiet baġitarji, l-Istati Membri mhumiex qegħdin jieħdu vantaġġ mill-aggregazzjoni tad-domanda (fejn dan huwa xieraq).



**Tabella 6 – Il-proporzjon ta' avviżi ta' għoti ta' kuntratti fejn l-awtorità kontraenti qed tixtri f'isem awtoritajiet kontraenti oħrajn (korpi ċentrali jew konġunti għall-akkwisti) 2006–2016**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea bbażat fuq id-data tal-ĠU/TED (Il-Kroazja 2013-2016, ir-Rumanija u l-Bulgarija 2007-2016)

### 2.7. Użu li jvarja tal-kriterji ta' kwalità


Huma biss ftit l-Istati Membri li kienu attivi fl-implimentazzjoni ta' politiki għall-innovazzjoni jew l-akkwist pubbliku ambjentalment/soċjalment responsabbli. B'riżultat ta' dan, hemm użu eċċessiv tal-aktar prezz baxx bħala kriterju ta' għotja li mhux dejjem iwassal għall-aqwa valur għall-flus.

Minflok, il-Kummissjoni tippromwovi l-integrazzjoni ta' kriterji ta' kwalità fl-hekk imsejjaħ prinċipju ta' 'L-aktar Offerta Ekonomikament Vantaġġuża' ('Most Economically Advantageous Tender' - MEAT). Madankollu, l-użu ta'

dan il-prinċipju mill-Istati Membri jvarja ħafna (it-Tabella 7). Franza u r-Renju Unit jużaw il-prinċipju MEAT f'aktar minn 90 % tal-offerti, filwaqt li l-Kroazja u l-Litwanja jinsabu taħt l-10 %. Il-medja tal-UE hija 62 %.

Bħala konsegwenza tal-fatt li ma tantx qegħdin jirrikorru għall-prinċipju MEAT, jista' jkun li l-Istati Membri qegħdin jitolu l-opportunità li jużaw is-somom sostanzjali minfuqa permezz tal-akkwist b'mod intelliġenti u strateġiku, u jiġġeneraw aktar riperkussjonijiet ekonomiċi. Din il-kwistjoni hija partikolarment rilevanti fl-Istati Membri tal-Ewropa ċentrali u tal-lvant.

**Tabella 7 – L-użu tal-kriterji ta' MEAT għall-evalwazzjoni tal-offerti, 2006–2016**



### 3. SOLUZZJONIJIET GĦALL-ISTATI MEMBRI

#### 3.1. Soluzzjonijiet

Azzjoni ċara u konkreta tista' tittrasforma l-akkwist pubbliku fi strument b'saħħtu fis-sett ta' għodod ta' politika ekonomika ta' kull Stat Membru, li b'hekk twassal għal benefiċċji sostanzjali fl-eżiti tal-akkwist. Dan kien sostnut fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni adottata fit-3 ta' Ottubru 2017<sup>8</sup>; il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-qafas ta' politika maħsub biex itejjeb il-prattiki tal-akkwist madwar l-UE kollha; l-approċċ propost huwa bbażat fuq sħubija. L-azzjoni fl-oqsma ta' prijorità tippermetti wkoll lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet li dehru fit-taqsimha preċedenti.

Kif ġie indikat fil-Komunikazzjoni, tali azzjonijiet ikopru sitt oqsma ta' prijorità:

- L-iżgurar ta' użu usa' tal-akkwist pubbliku strateġiku;
- Il-professjonalizzazzjoni tax-xerrejja tas-settur pubbliku;
- It-titjib fl-aċċess għas-swieq tal-akkwist;
- Iż-żieda fit-trasparenza u fl-integrità u data ta' kwalità aħjar;
- L-għoti ta' spinta lit-trasformazzjoni diġitali tal-akkwist;
- Il-kooperazzjoni sabiex isir akkwist aggregat.

Fir-rigward tal-**akkwist pubbliku strateġiku**, jenħtieġ li dan ikollu rwol akbar sabiex ikun jista' jirrispondi għall-isfidi soċjetali, ambjentali u ekonomiċi. Fil-prattika, dan ifisser l-integrazzjoni ta' kriterji innovattivi, ekoloġiċi u soċjali<sup>9</sup>, użu aktar estensiv ta' konsultazzjoni qabel is-suq jew valutazzjonijiet

kwalitattivi (MEAT<sup>10</sup>), kif ukoll l-akkwist ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-istadju pre-kummerċjali. Xi Stati Membri għamlu l-prinċipju MEAT, li jinkludi l-kriterji ekoloġiċi, obbligatorju għall-proċessi tal-akkwist tagħhom. Fi kwalunkwe każ, il-kriterji strateġiċi jridu jiġu applikati b'mod sistematiku sabiex jinkisbu l-aqwa riżultati fil-qasam tal-akkwist pubbliku. Dan jista' jsir billi jingħata appoġġ prattiku estensiv, bħat-tixrid tal-istandards, il-metodoloġiji għall-parametri referenzjarji, l-aġġornamenti regolari tat-tikketti<sup>11</sup> u l-kriterji tal-evalwazzjoni u d-disponibbiltà ta' katalogu ta' prattika tajba.

**Il-professjonalizzazzjoni** hija aspett ieħor importanti. Iż-żieda fl-użu tal-akkwist pubbliku strateġiku tirrikjedi użu akbar ta' prattiki flessibbli, għarfien tas-swieq u għodod innovattivi. Is-settur pubbliku jrid jimplimenta strateġija komprensiva sabiex jikkompensa għall-averżjoni għar-riskju u jattira u jiżviluppa ħiliet fis-settur kollu tal-akkwist pubbliku. L-Istati Membri jinsabu fi stadji differenti fil-vjaġġ tagħhom lejn il-professjonalizzazzjoni. Il-kondiviżjoni tal-esperjenzi tagħtihom iċ-ċans li jtejbu l-prattika tal-akkwist tagħhom; hija ser iżżid ukoll l-impatt tal-akkwist fit-twassil tal-għanijiet tal-ordni pubbliku. L-istrateġiji ta' professjonalizzazzjoni fit-tul fil-livell nazzjonali huma essenzjali sabiex ikun hemm in-nies addattati bil-ħiliet u l-għodod xierqa sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati.

Aspett importanti ieħor jikkonċerna l-**aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku**. L-SMEs huma fundamentali għall-ħolqien tax-xogħol, it-tkabbir u l-innovazzjoni, iżda huma jsibuha diffiċli sabiex jiksbu aċċess għall-akkwist.

<sup>8</sup> COM(2017) 572 finali.

<sup>9</sup> Dawn għandhom jinkludu wkoll l-obbligu tal-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

<sup>10</sup> Il-prinċipju tal-istabbiliment tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża jippermetti li tingħata aktar prominenza lill-kwalità.

<sup>11</sup> Bħall-ekotikketti, it-tikketti tal-enerġija u t-tikketti tal-kummerċ ġust.

Bħalissa, l-SMEs jirbħu, direttament jew bħala offerenti konġunti jew sottokuntratturi, 45 % tal-valur aggregat tal-kuntratti l fuq mil-limiti stabbiliti tal-UE. Id-direttivi tal-2014 jinkludu miżuri<sup>12</sup> li jenħtieġ li jiffaċilitaw l-aċċess tal-SMEs għall-akkwist pubbliku. Dawn l-opportunitajiet imtejba tal-akkwist għall-SMEs għandhom jiġu kkomunikati b'mod aktar vigoruż lill-pubbliku ġenerali, lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet kontraenti. L-għan huwa li jiżdied is-sehem tal-SMEs fl-akkwist pubbliku f'konformità mal-piż ġenerali tagħhom fl-ekonomija.

Mod ieħor kif jista' jittejjeb l-aċċess huwa billi tinbena l-fiduċja fost l-atturi fis-suq, inklużi l-SMEs, sabiex jipparteċipaw fil-proċeduri tal-akkwist. Dan jista' jsir billi jiġu offruti possibbiltajiet ġusti u effiċjenti għas-soluzzjoni tal-problemi u billi ssir reviżjoni indipendenti tad-deċiżjonijiet dwar l-akkwisti. Barra minn hekk, l-UE hija l-aktar suq miftuħ tad-dinja għall-akkwisti, iżda l-aċċess għall-kumpaniji tagħna f'pajjiżi oħrajn mhux dejjem ikun reċiproku. L-imsieħba kummerċjali ewlenin tal-UE jħaddnu miżuri diskriminatorji li jaffettwaw lin-negozji tal-UE billi jagħtu trattament preferenzjali lill-offerenti nazzjonali.

Il-governanza tal-akkwist pubbliku tiddependi fuq **data** affidabbli. Din hija essenzjali sabiex jitħejjew reazzjonijiet politiċi xierqa. Jenħtieġ li ssir disponibbli data ta' kwalità aħjar u aktar aċċessibbli dwar l-akkwist<sup>13</sup>. Din tiftaħ firxa wiesgħa ta' opportunitajiet sabiex tkun tista' tiġi vvalutata aħjar il-prestazzjoni tal-politiki tal-akkwist u jitfasslu d-deċiżjonijiet strateġiċi futuri. L-użu ta' sistemi ta' akkwist elettroniku ser jippermetti wkoll il-produzzjoni ta' data li tipprovdi wkoll mezz sabiex jinstabu irregolaritajiet.

---

<sup>12</sup> Il-miżuri maħsuba biex itejbu l-aċċess tal-SMEs għas-swieq tal-akkwist pubbliku jinkludu inkoraġġiment sabiex il-kuntratti jinqasmu f'lottijiet, limitu għall-fatturat meħtieġ għall-parteeċipazzjoni fi proċedura ta' sejħa għall-offerti u tnaqqis fir-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni.

<sup>13</sup> Filwaqt li jitħarsu d-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, id-dritt li tiġi protetta d-data personali, safejn ikun applikabbli.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għad-data dwar l-akkwist pubbliku jippermetti li jsir djalogu mas-soċjetà ċivili u jżomm lill-gvernijiet aktar responsabbli għal għemilhom. B'hekk, l-awtoritajiet pubbliċi qegħdin f'qagħda aħjar sabiex jiġġieldu l-frodi u l-korruzzjoni<sup>14</sup>. Għaldaqstant, huwa ferm irrakkomandat li jiġu stabbiliti reġistri tal-kuntratti li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku,<sup>15</sup> li jipprovdu trasparenza dwar il-kuntratti mogħtija u l-emendi li jkunu saru fihom. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tar-rapportar tal-korruzzjoni permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmi effettivi tar-rapportar u l-protezzjoni tal-informaturi kontra kwalunkwe ritaljazzjoni jista' jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tat-trasparenza tal-akkwist pubbliku u l-iffrankar tal-flus pubbliċi<sup>16</sup>.

It-teknoloġiji diġitali ġodda joffru opportunitajiet kbar għall-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-proċess tal-akkwist permezz tal-implimentazzjoni ta' akkwist pubbliku elettroniku. Id-direttivi dwar l-akkwist jistabbilixxu li s-sottomissjoni elettronika tal-offerti ser tkun obligatorja sa Ottubru 2018. Madankollu, il-benefiċċji kollha tal-akkwist elettroniku ser jinkisbu biss jekk **il-proċess kollu tal-akkwist pubbliku jgħaddi minn trasformazzjoni diġitali**. It-teknoloġiji ġodda jipprovdu l-possibbiltà li wieħed jaħseb mill-ġdid u fil-fond dwar il-mod

---

<sup>14</sup> Skont ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2014 dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-korruzzjoni tiswa lis-soċjetà tal-UE madwar EUR 120 biljun fis-sena. Skont studju tal-2013 (PWC u Ecorys għall-Kummissjoni Ewropea), l-ispejjeż diretti ġenerali tal-korruzzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku f'ħames setturi biss (it-trasport bit-triq u bil-ferrovija, l-ilma u l-iskart, il-kostruzzjoni urbana/tal-utilitajiet, it-taħriġ u l-iżvilupp) u fi tmien pajjiżi tal-UE biss kienu jvarjaw minn EUR 1.4 biljun sa EUR 2.2 biljun.

<sup>15</sup> Sakemm tali reġistru jkun fih data personali, huwa għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

<sup>16</sup> Skont l-istudju tal-2017 'L-istima tal-benefiċċji ekonomiċi tal-protezzjoni tal-informaturi fil-qasam tal-akkwist pubbliku' ('Estimating the economic benefits of whistleblower protection in public procurement') (Milieu għall-Kummissjoni Ewropea), il-benefiċċji potenzjali tal-protezzjoni effettiva tal-informaturi għall-UE kollha kemm hi fil-qasam tal-akkwist pubbliku jinsabu fil-medda ta' bejn EUR 5.8 u EUR 9.6 biljun kull sena.

kif inhuma organizzati l-akkwist pubbliku u l-partijiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Huma joffru ċans uniku għat-tfassil mill-ġdid tas-sistemi rilevanti.

**L-akkwist kooperattiv** beda jħalli l-effetti tiegħu madwar l-UE<sup>17</sup>. Bħala aggregaturi, il-korpi ċentrali għall-akkwisti (CPBs) jiġġestixxu ishma dejjem akbar tas-swieq tal-akkwist pubbliku. Dawn qed isiru atturi importanti fil-promozzjoni tar-riforma fil-qasam tal-akkwist pubbliku, inkluża l-implimentazzjoni ta' approċċ strateġiku. Huma joħlqu l-possibbiltà li jiżdied l-ingranaġġ tal-akkwidenti tas-settur pubbliku, li huwa indispensabbli f'ċerti swieq li huma ddominati minn għadd żgħir ta' operaturi tas-suq. Is-CPBs jistgħu jiġu stabbiliti fil-livell nazzjonali b'mandat ġenerali, setturi speċifiċi fil-mira (bħas-settur tas-saħħa u dak tal-IT) jew inkella jispeċjalizzaw fl-akkwist reġjonali/muniċipali.

Il-volumi kbar tal-akkwist ta' CPBs jistgħu jintużaw għall-ingranaġġ tal-akkwist strateġiku, pereżempju billi jiġu stabbiliti miri għall-akkwist innovattiv jew ekoloġiku. L-għarfien tagħhom tas-suq jirrappreżenta wkoll element ewlieni għall-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku. L-għarfien espert tas-CPBs johlqo effetti konsegwenzjali, minħabba li dawn spiss jipprovdu appoġġ għal awtoritajiet kontraenti oħrajn.

Kooperazzjoni aktar b'saħħitha fost l-awtoritajiet kontraenti tista' twassal ukoll għal ħafna benefiċċji. L-akkwist transkonfinali konġunt, fejn l-awtoritajiet kontraenti minn pajjiżi differenti jorganizzaw il-proċeduri tal-akkwist tagħhom flimkien, huwa ffaċilitat ħafna mir-regoli l-ġodda tal-UE. Diversi eżempji riċenti juru l-fattibbiltà ta' sħubijiet bħal dawn.

---

<sup>17</sup> L-aggregazzjoni tad-domanda tirreferi għal awtoritajiet kontraenti jew awtoritajiet oħrajn li joperaw permezz tal-Korpi Ċentrali għall-Akkwisti (CPBs) li jaġixxu bħala bejjiegħa bl-ingrossa jew intermedjarji.

### 3.2. Il-qafas regolatorju tal-UE

Id-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jkopru l-offerti li mistennija jkunu jiswew aktar minn limitu stabbilit partikolari, għalkemm l-Istati Membri għandhom jikkonformaw ukoll mal-prinċipji tad-Direttivi tal-UE għal offerti taħt il-limitu stabbilit. Il-prinċipji ewlenin tad-Direttivi huma t-trasparenza, it-trattament indaqs, il-kompetizzjoni miftuħa u l-ġestjoni proċedurali tajba. Dawn huma maħsuba sabiex jiksbu suq tal-akkwist li jkun kompetittiv, miftuħ u rregolat sewwa. Dan huwa essenzjali sabiex il-fondi pubbliċi jintużaw tajjeb. L-implimentazzjoni tad-Direttivi tista' wkoll tikkontribwixxi bil-kbir sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-valur għall-flus, it-trasparenza, il-ġustizzja u l-governanza tajba.

Id-Direttivi ġew emendati bir-reqqa permezz tar-Riforma tal-2014; ir-regoli ġodda jissimplifikaw il-proċeduri tal-akkwist pubbliku u jagħmluhom aktar flessibbli. Minn dan ser jibbenifikaw l-akkwidenti u n-negozji pubbliċi, b'mod partikolari l-SMEs. B'mod speċifiku:

- Proċeduri aktar sempliċi għall-awtoritajiet kontraenti għandhom jifftu s-suq tal-akkwist pubbliku tal-UE, jipprevjenu l-politiki ta' 'xiri mill-pajjiż' u jippromwovu l-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi. B'riżultat ta' dan, l-awtoritajiet kontraenti ser jiksbu valur aħjar għall-flus.
- Ir-regoli l-ġodda, inkluża awtodikjarazzjoni elettronika ġdida għall-offerenti (ESPD), iwittu t-triq għad-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku, li ser iżżid b'mod konsiderevoli l-effiċjenza tas-sistema tal-akkwist pubbliku. Pereżempju, il-kumpanija rebbieħa biss għandha tissottometti d-dokumentazzjoni kollha li turi li hija tikkwalifika għal kuntratt. Dan inaqqas drastikament il-volum tad-dokumenti meħtieġa għall-għażla tal-kumpaniji.
- Billi jillimitaw ir-rekwiżiti tal-fatturat u jużaw l-għażla li jaqsmu l-offerti f'lottijiet, l-SMEs ser jiksbu aċċess aktar faċli għall-akkwist pubbliku.
- L-akkwist pubbliku qed isir strument ta' strateġija politika. Skont ir-regoli

I-ġodda, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku ser jgħinu wkoll lix-xerrejja pubbliċi jimplimentaw politiki ambjentali, kif ukoll dawk li jirregolaw l-integrazzjoni soċjali u l-innovazzjoni.

Id-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku kellhom jiġu trasposti mill-Istati Membri sa mhux aktar tard mit-18 ta' April 2016. Minn Settembru 2017, hemm erba' Stati Membri li għadhom iridu jittrasponu t-tliet Direttivi. Tnejn oħra għadhom iridu jittrasponu d-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet.

#### 4. STEJGER TA' SUĊĊESS

Fir-rigward ta' bosta mill-isfidi ewlenin imsemmija fit-taqsimiet preċedenti, hemm xi eżempji tajbin.

Fir-rigward tal-**akkwist strateġiku**, il-politika tal-Iżvezja hija l-aħjar Prattika. Riċentament, il-Gvern Żvediż adotta Strateġija Nazzjonali dwar l-Akkwist Pubbliku. L-għan tal-Istrateġija huwa li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jimplimentaw akkwist strateġiku. L-Istrateġija fiha proposti għal azzjonijiet konkreti li huma rilevanti għall-attivitajiet kollha fis-settur pubbliku. L-Istrateġija tinkludi seba' għanijiet ta' politika, fosthom 'Akkwist pubbliku li huwa ambjentalment responsabbli'. Dan jitolb li jkun hemm żieda ta' akkwist pubbliku ekoloġiku, speċjalment fil-kategoriji tal-prodotti b'impatt qawwi fuq l-ambjent. Jenfiegħ li t-tħassib ambjentali u perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja jittqiesu fil-fażijiet differenti tal-proċess tal-akkwist pubbliku. L-implimentazzjoni u s-segwitu tal-Istrateġija Nazzjonali tal-Akkwist Pubbliku ġew fdati lill-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku - awtorità indipendenti li ġiet stabbilita fl-2015 u li r-rwol ewleni tagħha huwa li tipprovdi appoġġ effettiv lill-awtoritajiet kontraenti fil-pajjiż permezz ta' gwida, taħriġ, eċċ.

Dimensjoni oħra tal-akkwist strateġiku hija l-hekk imsejjaħ akkwist soċjali. Dan ifisser li l-akkwist pubbliku jintuża sabiex jintlaħqu għanijiet soċjali bħall-inklużjoni ta' persuni żvantaġġjati. Fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali tagħha tal-2015 għal

akkwist pubbliku sostenibbli, Franza stabbilixxiet l-għan li tinkludi kunsiderazzjonijiet soċjali f'mill-inqas 25 % tal-offerti pubbliċi tagħha sal-2020. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, il-pjan ta' azzjoni jniedi sensiela ta' azzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u għodod ta' komunikazzjoni għas-sensibilizzazzjoni fost l-awtoritajiet kontraenti.

Fir-rigward tal-**akkwist kooperattiv**, l-Italja implimentat riforma importanti għar-razzjonalizzazzjoni tal-funzjonament tal-akkwist pubbliku. Il-frammentazzjoni tas-sistema ta' akkwist (li fl-Italja tgħodd għal madwar 36 000 awtorità kontraenti) hija dgħufija komuni tas-sistemi tal-akkwist pubbliku fl-UE. Il-frammentazzjoni eċċessiva tal-akkwist pubbliku għandha għadd ta' problemi:

- twassal għal ekonomiji ta' skala insuffiċjenti u setgħa tan-negozjar imnaqqa tal-awtoritajiet kontraenti;
- professjonalizzazzjoni u għarfien insuffiċjenti tas-swieq mix-xerrejja;
- spejjeż għoljin tat-tranżazzjoni;
- tikkomplika u żżid ir-riskju ta' irregolaritajiet fil-proċeduri ta' akkwist;
- varjazzjoni eċċessiva fil-prezzijiet għall-istess prodott akkwistat minn entitajiet differenti.

Bħala parti mir-rieżami tan-nefqa tagħha, l-Italja ddeċidiet li għal 19-il kategorija ta' oġġetti u servizzi (prinċipalment fis-settur tas-saħħa), l-akkwist kellu jittwettag minn grupp ta' 'korpi ta' aggregazzjoni', inklużi prinċipalment korpi ċentrali għall-akkwisti reġjonali jew nazzjonali. Dan ippermetta wkoll l-indirizzar ta' varjazzjonijiet sinifikanti fil-prezzijiet fost ix-xerrejja (ġew irrapportati differenzi ta' aktar minn 300 % fl-istess Reġjun għal stents kardijaċi). Dan irriżulta fi tfaddil sinifikanti fl-2015: Bħala medja, 23 % għall-proċeduri tal-akkwist diġà tlestew u kienu jvarjaw bejn 6 % u 59 %. Irriżultati huma wkoll notevoli minħabba li l-partijiet involuti stabbilixxew sistema għall-ippjanar u l-koordinazzjoni tal-akkwist tal-prodott rilevanti.

Id-diġitalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku tiffaċilita l-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku u, għalhekk, ta' porzjon sinifikanti tan-nefqa pubblika. Ir-reġistri tal-kuntratti huma għodda kosteffikaċi għall-ġestjoni tal-kuntratti u għat-titjib **tat-trasparenza, tal-integrità u data ta' kwalità aħjar**. Huma jaħżnu kuntratti diġitalizzati, is-sommarji strutturati tagħhom, inklużi l-kundizzjonijiet tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, it-termini tal-konsenja u modifiki sussegwenti. F'xi pajjiżi, dawn ir-reġistri huma akkumpanjati mill-ħtieġa li kwalunkwe kuntratt mhux ippubblikat fir-reġistru jkun null. Dawn ir-reġistri jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti jiġġestixxu l-kuntratti tagħhom u jgħinu sabiex tittejjeb il-governanza tal-akkwist pubbliku. Fil-Portugall, il-portal tal-akkwist pubbliku Base<sup>18</sup> jippermetti l-monitoraġġ tan-nefqa fuq l-akkwist pubbliku u l-volum tiegħu, kif ukoll il-produttjoni ta' statistika dwar it-tip ta' xiri, l-offerti mirbuħa mill-kumpaniji, eċċ.

It-tranżizzjoni għall-**akkwist elettroniku** hija opportunità sabiex tiġi mmodernizzata s-sistema tal-akkwist pubbliku. Il-prattiki tajbin f'dan il-proċess huma, pereżempju:

- it-twaqqif ta' portal wieħed fil-livell nazzjonali, inklużi n-notifiki kollha u l-konnessjoni tiegħu mat-TED;
- li jkun hemm suq kompetittiv għas-servizzi tal-akkwist elettroniku;
- li jkun hemm reġistru tal-kuntratti b'divulgazzjoni totali tal-informazzjoni dwar l-għoti tal-kuntratti;
- rekwiżiti ħfief għall-firem. L-użu ta' firma elettronika qed jonqos;
- l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' darba biss.

Daqstant ieħor importanti huwa li l-kumpaniji (jew iċ-ċittadini) jeħtiġilhom jipprovdu l-informazzjoni darba biss lill-amministrazzjonijiet pubbliċi. Il-prinċipju ta' darba biss (OOP) huwa Prattika fl-interazzjoni bejn l-istat u l-kumpaniji (jew iċ-ċittadini). Huwa bbażat fuq il-fatt li l-informazzjoni li tista' tiġi rkuprata

minn amministrazzjoni pubblika li tuża diversi referenzi (bħan-numru tat-taxxa) qatt ma għandha tintalab minn kumpaniji (jew ċittadini). Dan jista' jkun jew permezz tar-reġistri nazzjonali direttament (bħal fl-Estonja) jew inkella permezz ta' sistema ta' aggregazzjoni (bħal kwalifiki minn qabel) fejn il-kumpaniji jipprovdu l-informazzjoni lill-amministrazzjonijiet darba biss.

## 5. KONKLUŻJONIJET

Fis-snin riċenti, sar titjib fil-qafas tal-akkwist pubbliku, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, iżda l-isfidi għadhom jippersistu. L-Istati Membri jonfqu parti konsiderevoli mill-ispejjeż pubbliċi tagħhom fuq l-akkwist. Madankollu, f'diversi pajjiżi, ir-rata ta' pubblikazzjoni għadha baxxa, u din tirriżulta f'nuqqas ta' ftuħ biżżejjed għal opportunitajiet ta' negozju transkonfinali. L-użu ta' proċeduri ta' akkwist li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, bħal proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni, ivarja ħafna minn pajjiż għal ieħor, li jvarja minn 0 % għal aktar minn 20 %, filwaqt li l-proporzjon ta' kuntratti li għalihom kien hemm biss offerta waħda għadu għoli. Dan huwa partikolarment rilevanti f'xi setturi (bħall-IT), fejn il-lock-in tal-fornituri huwa fenomenu osservat ta' spiss. Dan kollu jindika li s-suq uniku għall-akkwist pubbliku mhuwiex integrat biżżejjed u l-ftuħ ulterjuri jista' jagħti spinta lill-effiċjenza ekonomika u t-tkabbir.

<sup>18</sup> <http://www.base.gov.pt>

Fl-għoti tal-kuntratti, l-użu ta' kriterji ta' kwalità jvarja ħafna bejn l-Istati Membri, minn taħt l-10 % fil-Kroazja u l-Litwanja sa 'l fuq minn 90 % fi Franza u r-Renju Unit. B'mod ġenerali, ħafna Stati Membri fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant jagħmlu użu frekwenti mill-kriterju tal-aktar prezz baxx, tant li jtilfu l-potenzjal li jinkoraġġixxu l-innovazzjoni jew isegwu għanijiet soċjali jew ekoloġiċi.

Il-vantaġġi tal-akkwist pubbliku kooperattiv ibbażat fuq l-aggregazzjoni tad-domanda qegħdin jiġu esplorati mill-Istati Membri bħala mezz ta' kif tiżdied l-effiċjenza tan-nefqa pubblika tagħhom. Madankollu, għad hemm lok kbir għal titjib. Sfida oħra hija l-ħtieġa ta' professjonalizzazzjoni, li tfisser li l-akkwist pubbliku jitwettaq minn membri tal-persunal li għandhom il-ħiliet, l-għarfien tekniku jew il-fehim proċedurali meħtieġa.

L-akkwist elettroniku huwa mod ta' kif jiżdiedu t-trasparenza u l-effiċjenza tal-proċeduri tal-akkwist. Dan qed jiġi implimentat b'mod progressiv fl-Istati Membri. Madankollu, il-kwalità tas-servizzi ta' akkwist elettroniku introdotti għadha tħalli lok għal titjib.

Data: 22.11.2017